**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR NATASHA GALEA SCIBERRAS**

**Kawża Numru: 382/2008**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Victor Aquilina)**

**vs**

**Aaron Azzopardi**
**(ID 346183(M))**

**William Briguglio**
**(ID4185(M))**

**DIGRIET**

**Illum, 19 ta' Ottubru 2020**

Il-Qorti,

Rat illi permezz ta' dawn il-proċeduri, il-ko-imputati Aaron Azzopardi u William Briguglio jinsabu akkużati talli fil-21 ta' Jannar 2007 u fil-każ ta' Azzopardi, matul is-sitt xhur ta' qabel din id-data, fil-waqt illi fil-każ ta' Briguglio, matul is-sena ta' qabel din id-data, f'dawn il-Gżejjer: a) biegħu jew xort'oħra traffikaw fir-raża meħuda mill-pjanta *cannabis* jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi din ir-raża bi ksur tal-Artikolu 8(b) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta; b) kellhom fil-pussess tagħhom ir-raża meħuda mill-pjanta *cannabis* jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi din ir-raża u dan bi ksur tal-Artikolu 8(a)

tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali ċirkustanzi li juri li ma kinitix għall-użu esklussiv tagħhom;

U fil-konfront tal-ko-imputat William Briguglio waħdu:

c) talli kiser il-kundizzjonijiet imposti fuqu permezz ta' sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati tad-29 ta' Novembru 2006.

Rat it-talba tal-ko-imputat Briguglio magħmula minnu fis-seduta tat-18 ta' Mejju 2015, li permezz tagħha talab lil din il-Qorti sabiex tassumi l-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga ai termini tal-Artikolu 8(3) tal-Kap. 537 tal-Liġijiet ta' Malta u għaldaqstant talab ukoll illi jkun jista' jressaq il-provi sabiex juri illi r-rekwiżiti meħtiega ai termini tal-Artikolu 8(2) tal-istess Kap. 537 huma sodisfatti;[1]

Rat ukoll id-digriet tagħha tal-istess data li permezz tiegħu, laqgħet it-talba tad-difiża sabiex tressaq il-provi msemmija;

Rat ukoll illi permezz tad-digriet tagħha tas-16 ta' Mejju 2018, il-Qorti ħatret lil Dr. Edward Curmi sabiex jirrelata lill-Qorti bil-miktub, dwar jekk fl-ewwel lok, iż-żewġ ko-imputati kinux dipendenti fuq id-droga fiż-żmien tal-każ odjern ossia f'Jannar 2007 u fis-sena ta' qabel din id-data, u fit-tieni lok, kemm il-darba tali dipendenza tirriżulta, jekk din kinitx waħda gravi u medika;[2]

Rat ukoll ir-relazzjoni tal-istess espert Dr. Edward Curmi[3] u semgħet ix-xhieda prodotta mid-difiża in konnessjoni mat-talba tagħha;

Rat l-atti kollha tal-każ u d-dokumenti esebiti;

Semgħet lill-partijiet jirrimettu ruħhom għad-deċiżjoni tal-Qorti.

**Ikkunsidrat:**

Illi dan id-digriet qed jipprovdi biss dwar it-talba tal-ko-imputat **William Briguglio** fit-termini tal-Artikolu 8 tal-Kap. 537 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi permezz tal-proċeduri odjerni, l-imputat qed jiġi akkużat *inter alia* bir-reati ta' traffikar u pussess, hekk imsejjaħ, aggravat, tar-raża tal-*cannabis*, b'referenza għall-jum tal-21 ta' Jannar 2007 u s-sena ta' qabel din id-data, u dan wara illi skont it-teżi tal-Prosekuzzjoni, fl-imsemmi jum, fil-vettura li kien jinsab fiha l-ko-imputat Briguglio flimkien mal-ko-imputat Azzopardi, instabet id-droga in kwistjoni.

[1] Ara a fol. 113 tal-proċess.
[2] Ara a fol. 145 tal-proċess.
[3] Ara a fol. 155 *et seq* tal-proċess.

Illi in s-sostenn tat-talba tagħha u b'mod partikolari għal dak li jiddisponi l-Artikolu 8(2) tal-Kap. 537 tal-Liġijiet ta' Malta, id-difiża ressqet is-segwenti xhieda u provi:

i) **Mary Rose Farrugia,** Uffiċjal tal-Probation li rrediġiet *Social Inquiry Report* fil-konfront tal-istess ko-imputat, mil-liema jirriżulta illi huwa beda jabbuża mill-*cannabis* meta kellu tmintax-il sena, b'dan illi jingħad ukoll illi huwa qatt ma kien *'heavy user'*. Skont l-istess rapport, il-ko-imputat Briguglio kien waqaf jagħmel użu mid-droga meta bdew il-proċeduri kriminali fil-konfront tiegħu, u kien fittex l-għajnuna fi ħdan l-Aġenzija Sedqa, iżda stante li ma baqax iżomm kuntatt, il-każ tiegħu ingħalaq fis-sena 2011. Tliet testijiet tal-kampjuni tal-urina li ssottometta l-istess ko-imputat f'Mejju u f'Settembru 2013 irriżultaw fin-negattiv għal sustanzi lleċiti;[4]

ii) **Vicky Scicluna**, in rappreżentanza tal-Aġenzija Sedqa, xehdet illi l-imputat kien jattendi ġewwa l-Aġenzija Sedqa bejn is-27 ta' Ottubru 2008 u l-21 ta' Ottubru 2010 u li f'dan iż-żmien huwa ħalla ħdax-il kampjun tal-urina, li għaxra minnhom irriżultaw fin-negattiv għal sustanzi lleċiti. Kampjun minn dawn kien *soiled* u għalhekk ma kienx hemm riżultat dwaru. Tgħid ukoll illi l-problema tal-ko-imputat kienet dik ta' użu tal-*cannabis.*

iii) **PS 90 Jeffrey Gerada** ossia s-sieħeb ta' oħt il-ko-imputat, jixhed illi fis-sena 2006, meta huwa beda jiffrekwenta lil oħtu, huwa nduna li l-istess ko-imputat kien jabbuża mid-droga u fil-fatt, kien ftit taż-żmien wara li dan ġie arrestat u tressaq il-Qorti. Jgħid ukoll illi l-istess ko-imputat kien ammetta miegħu li kien jagħmel użu mill-*cannabis.* Jgħid ukoll illi wara dan il-każ, Briguglio inbidel u dan fis-sens illi qata' l-ħbieb li kien jagħmilha magħhom, kien joqgħod id-dar u għamel kuntatt mal-Aġenzija Sedqa. Beda jfittex impjieg u fil-frattemp, kellu tarbija. Jgħid illi fis-sena 2006, il-ko-imputat kellu l-vizzju tal-ħaxixa, li ma kienx jaħdem u kellu jara kif imantni l-vizzju tiegħu. Jgħid in oltre illi ma baqax jabbuża mid-droga, illi llum jaħdem u jgħix ħajja stabbli.[5]

iv) **Dr. Robert Portelli**, tabib mediku, xehed illi l-ko-imputat kien ilu taħt il-kura tiegħu minn madwar is-sena 2005 minħabba problema ta' użu tad-droga *cannabis,* u dan partikolarment peress illi kien qiegħed isibha diffiċli jindirizza din il-problema waħdu. Jgħid ukoll illi stante illi l-

[4] Ara x-xhieda tagħha a fol. 74 *et seq* u a fol. 97 tal-proċess u s-*Social Inquiry Report* esebit a fol. 76 tal-proċess, liema rapport iġib id-data tat-18 ta' Settembru 2013.

[5] A fol. 101 sa 108 tal-proċess.

istess ko-imputat beda jesebixxi attitudni aggressiva u kien qed ikun aġitat, huwa preskrivilu *anti-psychotic drugs* u xi kalmanti u skont hu, kien għadu jieħu dawn il-mediċinali sa dakinhar. Jgħid ukoll illi d-dipendenza tal-imputat fuq il-*cannabis* kienet pjuttost għolja, tant illi kienet taffetwalu ħajtu.[6]

Illi kif ingħad iżjed 'il fuq, il-Qorti nnominat lill-espert **Dr. Edward Curmi** sabiex jirrelata lill-Qorti bil-miktub, dwar jekk il-ko-imputat Briguglio kienx dipendenti fuq id-droga fiż-żmien tal-każ odjern, u kemm il-darba dan jirriżulta, jekk tali dipendenza kinitx gravi u medika. Madankollu, dawn l-aħħar żewġ kwalifiċi llum mhumiex relevanti fid-dawl tal-emendi introdotti permezz tal-Att XXXII tas-sena 2018. Fix-xhieda tiegħu, l-istess espert jgħid illi ċertament li l-ko-imputat kellu problema tad-droga *cannabis* fil-passat u illi "*nistghu nghidu kwazi bic-cert li fiz-zmien li nqabad kellu problema serja tal-marijuana.*"[7] Fir-relazzjoni tiegħu, imbagħad, dwar id-dipendenza fuq id-droga, l-istess espert jgħid illi l-ko-imputat "*ghandu jew kellu zgur problemi serji f'dan il-qasam*".[8]

**Ikkunsidrat ukoll:**

Mill-assjem tal-provi jirriżulta illi fiż-żmien li għalih jirreferu l-akkużi odjerni, l-imputat kien jagħmel użu mid-droga *cannabis*. Dan huwa prinċipalment stabbilit mix-xhieda tat-tabib Dr. Robert Portelli, li kien diġa` t-tabib kuranti tal-istess ko-imputat fiż-żmien tal-każ odjern. Id-dipendenza tal-ko-imputat fuq il-*cannabis* tirriżulta wkoll minn din ix-xhieda. In oltre l-istess tabib jgħid illi kien anke ippreskriva lill-ko-imputat mediċinali sabiex jgħinu jikkontrolla l-aġir tiegħu meta kien qiegħed jipprova jżomm il-bogħod mill-*cannabis*. Din ix-xhieda hija sostanzjalment korroborata bid-deposizzjoni tax-xhieda l-oħrajn msemmija iżjed 'il fuq, b'tali mod illi jirriżulta illi fiż-żmien li għalihom jirreferu l-imputazzjonijiet odjerni, huwa kien dipendenti fuq id-droga *cannabis*.

Fid-dawl tas-suespost u tan-natura tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-ko-imputat Briguglio, il-Qorti tqis illi r-rekwiżiti li trid il-liġi fl-Artikolu 8(2)(a) tal-Kap. 537 tal-Liġijiet ta' Malta huma sodisfatti.

Il-Qorti tqis ukoll illi d-difiża wriet illi r-rekwiżiti li trid il-liġi fl-Artikolu 8(2)(ċ) tal-Kap. 537 tal-Liġijiet ta' Malta huma wkoll sodisfatti, tant illi jirriżulta ampjament illi l-istess ko-imputat għamel sforz u progress sostanzjali sabiex jeħles mid-dipendenza tiegħu mid-droga u fil-fatt jidher illi huwa m'għadux jagħmel użu minn tali droga.

[6] A fol. 119 sa 123 tal-proċess.
[7] A fol. 154 tal-proċess. Ara x-xhieda tiegħu a fol. 151 sa 154 tal-proċess.
[8] A fol. 160A tal-proċess.

Fl-aħħarnet il-Qorti tqis illi ma tirriżulta l-ebda waħda jew iktar mill-projbizzjonijiet elenkati fl-Artikolu 13 tal-Kap. 537 tal-Liġijiet ta' Malta għall-applikabilita` tal-Artikolu 8 tal-istess Kapitolu.

**Konklużjoni**

Tenut kont ta' dan kollu, f'dan l-istadju l-Qorti tinsab sodisfatta illi l-kundizzjonijiet elenkati fl-Artikolu 8(1) u (2) tal-Kap. 537 tal-Liġijiet ta' Malta jissussistu u għaldaqstant qed tilqa' t-talba tad-difiża u qed tassumi l-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga u konsegwentement qegħda tirreferi lill-ko-imputat **William Brigulgio** quddiem il-Bord ta' Rijabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga ai termini tal-Artikolu 8(3) tal-istess Kapitolu.

Tordna komunika ta' dan id-digriet lill-Bord ta' Rijabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga.

Natasha Galea Sciberras
Maġistrat